Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

Minuti

Disa' Legislatura

Laqgħa numru 39

5.30p.m 9 ta' Diċembru 2021

Preżenti

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

Assenti b'apoloġija

Uffiċjal Preżenti

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

Minuti

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

39.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.

39.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija

39.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

39.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 38. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

39.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fit-22 ta' Diċembru ser issir press conference fil-biċċerrija mill-Ministru tal-Agrikoltura, wara l-Ministru ser ikun mistieden sabiex jagħmel press conference oħra fil-Kunsill Lokali tal-Marsa wara li l-Kunsill Lokali ngħata fondi biex isiru cat shelters. Aktar dettalji ser jingħataw il-quddiem.

39.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul dawn l-aħħar jiem il-Kunsill ircieva mill-Planning Authority il-pjan lokali għar-riġenerazzjoni taż-żona tal-port tal-Marsa. Il-Kunsill għandhu sa mhux aktar tard mis-15 ta' Jannar biex iressaq l-idejat tiegħu. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li l-Kunsilliera jibgħatu l-idejat tagħhom lill-Kunsill sa mhux aktar tard mis-17 ta' Diċembru bil-għan li dawn jiġu amalgamati flimkien u jitressqu għall-attenzjoni tal-Planning Authority bħala dokument wieħed. Wara kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti.

39.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi xtaq jinforma lill-Kunsilliera li l-Pulizija tal-Kommunita' tal-Marsa għandhom Surgent ġdid Shaun Axiaq li għandhu esperjenza vasta sew fil-kommunita' ta' San Ġiljan kif ukoll bħala eks-membru tal-RIU. Nawgurawlu ħidma favur il-lokalita' tagħna.

39.3.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul din il-ġimgħa ntbgħatet il-lista t'attivitajiet li ser ikunu qed jiġu organiżżati fil-Kunsill matul is-Sena Kulturali. Iċ-ċelebrazzjonijiet ser jifthu nhar il-29 ta' Jannar quddiem iz-zuntier tal-parroċċa tas-Ssma Trinita'.

39.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

39.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Professur Torpiano, li kellu l-opportunita' jiltaqgħa miegħu fil-ġranet li għaddew qed juri x-xewqa li jwettaq proġett ta' Mużew tal-Istorja

Industijali fil-Marsa. Dan isir permezz ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali tal-Marsa, l-għaqda Din l-Art Ħelwa u l-Universita' ta' Malta. Kien hemm suġġeriment li dan il-mużew isir fejn it-tined tal-patata, madankollu, hemm diversi postijiet oħra li jistgħu jiġu użati għal dan il-għan. It-talba għall-propjeta' trid issir min naħa tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel ma din il-proposta u tajjeb li fl-laqgħa oħra niddiskutu postijiet li jistgħu jiġu utilizzati għal dan il-għan sabiex immexxu dan il-ħsieb.

39.5 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

39.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 12/2021 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

39.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza

39.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-kumpanija Dolce Sicilia li tinsab fi Triq ix-Xwieni qed titlob permess sabix tpoġġi ħdejn l-istabbiliment tagħha skip li tissakkar biex fiha jintefa' l-iskart u fuqha jkun hemm CCTV camera kollha bi spejjeż tal-istess kumpanija. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien wieħed unanimu.

39.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Marsa Pageant Group qed tistieden lill-Kunsill u l-familjari tagħhom biex jingħaqdu magħhom għal pageant tal-Milied li ser issir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Diċembru fis-7.15 ta' filgħaxija.

39.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li d-Dipartiment tas-Sanita' rċieva rapport li fit-Triq Feliċjan Bilocca viċin Canter Business Centre qed ikun hemm il-papri li qed iħammġu t-toroq tal-madwar. Id-dipartiment qed jistaqsi jekk il-Kunsill jistgħax jnaqqas dan l-inkonvenjent.

39.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-President u l-Kumitat tas-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa bi pjaċir qed jistiednu lill-Kunsill kollhu għall-kunċert tal-Milied li ser isir nhar il-Ħadd 19 ta' Diċembru fid-7.00p.m fil-Knisja parrokjali Ssma. Trinita'.

39.7 Belveder updates

39.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li x-xogħol fi Ġnien Belveder huwa miexi sew fejn saru il-konnesjonijiet tad-dawl, pump room, rampi, u anke r-reservoir. Madankollu, xorta waħda ser ikun hemm dewmien fit-tlestija tiegħu hekk kif issa huwa pproġġettat li l-proġett sħiħ jitlesta għall-aħħar ta' Jannar u bidu ta' Frar. Min naħa t'Ambjent Malta, t-tenders għat-tqegħid tal-bins u bankijiet huma lesti u ġew awarded, u fadal biss li jkun hemm CCTV kameras fl-akwata. Sadanittant minkejja li l-Perit ssuġġerixxa li nużaw pattern wieħed, il-Kunsill kien diġa' ħa deċiżjoni f'laqgħa preċedenti u allura ser tinżamm id-deċiżjoni tal-Kunsill li jintużaw żewġ patterns.

39.8 Attivita' tal-Milied updates

39.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kif intqal fl-laqgħat preċedenti ser ikun hemm diversi attivitajiet matul il-gimgħat li ġejjin, apparti l-attivita' tal-anzjani fl-17 u 20 ta' Diċembru ser ikun hemm il-Fun Train fis-27 ta' Diċembru. Sadanittant, l-attivita' Christmas Under the Bridge ser tkun miftuħa mill-11 ta' Diċembru u ser tibqa' għaddejja sat-30 ta' Diċembru fejn id-dħul ser ikun b'xejn u ser ikun hemm anke parata tal-Milied. Din il-parata ser tkun qed tidħol fil-qalba tal-lokalita' fi Triq Isouard u Triq Zerafa nhar il-15 ta' Diċembru. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri lmenta li filwaqt li l-Kunsill tal-Marsa kien min tal-ewwel li ħadem fuq din l-attivita' issa qisu ma sirna nafu b'xejn aktar dwaru. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ukoll wera d-disappunt tiegħu għall-mod ta' kif s'issa l-kumpanija TEC qed timmaniġja din l-attivita'. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono xtaq isaqsi kif il-Kunsill ser ikollu kontrolli fuq l-infieq ta' flus li dawn jammontaw għall-€45,000 min skema li rċieva l-Kunsill. Kien hawn li qamet diskussjoni fejn ġie spjegat li s-Sindki tal-lokalitajiet tal-Marsa, Raħal Ġdid u l-Ħamrun qegħdin f'kumitat organizzattiv. Il-Kunsillier Debono qal li tajjeb jekk dan il-kumitat ikollu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex din tkun uffiċjali.

39.8.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ressaq mozzjoni, li ġie ssekondat mill-Kunsillier is-Sur Francis Debono. Il-mozzjoni hija 'peress li aħna li f'deċiżjoni preċedenti ddeċidejna li napplikaw għal fond t'attivitajiet biex isir Christmas Village bi preparazzjoni għall-attivitajiet li mistennija jittellaw fis-sena 2022 taħt il-kappa Belt Kulturali 2022, qed niġu nfurmati li l-kumpanija TEC Ltd ser tkun il-main organiser għall-villaġġ tal-Milied b'kollaborazzjoni mall-Ministeru tal-Kultura u żewġ kunsilli oħra, Raħal Ġdid u Ħamrun, u għall-dan il-għan ġie mwaqqaf kumitat ad hoc rappreżentat mit-tlett Sindki rispettivi u rapprezentant tal-Ministeru.' Il-vot favur din il-mozzjoni kien wieħed unanimu.

39.9 Riżultati Finanzjarji għat-3 Kwart tas-Sena 2021

39.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekkuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert sabiex jagħti rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill fit-tielet kwart ta' din is-sena. Huwa spjega li matul dan il-perjodu l-Kunsill kompla ssaħħaħ il-qgħada finanzjarja tiegħu hekk kif ġie rreġistrat surplus ta' madwar €29,000, dan minkejja l-fatt li aktar kmieni matul is-sena kien hemm korrezzjonijiet relatati mat-tipping fees tal-WasteServ , li qed juru stampa aktar ċara tal-finanzji attwali tal-Kunsill. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

39.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

39.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.00pm u ġiet aġġornata għat-13 ta' Jannar fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA	IFFIRMATA
Josef Azzopardi Sindku	Edward Spiteri Audibert Segretarju Eżekuttiv